---

26 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Angelo Aquilina** *versus* **Maria Camilleri et.**

**Depożitu — Konkors — Libell — Proċedura.**

*Il-proċedura tal-konkors f'libell fil-każ ta' depożitu li jkun hemm aktar min tnejn min-nies li jippretenduh, tirriferixxi għall-flus li jkunu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti, u mhux ukoll għall-każijiet fejn il-flus ikunu depożitati band'oħra.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal illi l-kontendenti, per mezz ta' l-Avukat Edoardo Magri, żbankaw akkont tal-kreditu tagħhom kontra l-komuni debitriċi Esther Cuschieri l-ammont ta' £61. 6. 3 miċ-ċedola nru. 15 tas-sena 1947 fil-

Qorti tal-Kummerċ, u dak ta' £11. 17. 0 miċ-ċedola tad-depożitu nru. 342 tas-sena 1947 fl-istess Qorti; u billi huwa għandu l-kreditu ta' £26. 2. 7 għall-ispejjeż ġudizzjarji privileġġjat, u illi l-konvenuti opponew ruħhom li l-instant jippreleva minn l-ewwel depożitu l-ammont ta' l-ispejjeż privileġġjati fuq imsemmija, biex il-bilanċ taż-żewġ depożiti żbankati jiġi konsegwit mill-kontendenti in proporzjon tar-rimanenti kreditu tagħhom; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi kreditu tiegħu ta' £26. 2. 7 (dok. A) huwa ta' natura privileġġjata, u għalhekk jiġi awtorizzat jippreleva mill-ammont hekk żbankat l-ammont ta' dawn l-ispejjeż privileġġjati, u l-bilanċ taż-żewġ depożiti jiġi maqsum bejn il-kontendenti in proporzjon tal-bilanċ tal-kreditu rimanenti tagħhom li jirriżulta. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 1948, li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari ta' Antonia Mattocks u ħelset lill-konvenuti mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Il-Qorti tirrileva li l-attur jippretendi pozjorità tal-kreditu fuq parti tad-depożitu, u fuq dak id-depożitu hemm tnejn min-nies oħrajn li jippretendu drittijiet li jikkontestaw il-pozjorità tal-kreditu ta' l-attur għal ċerti spejjeż. Skond il-liġi, meta fuq depożitu jkun hemm iżjed minn żewġ min-nies li jippretendu drittijiet fuq l-istess depożitu, għall-finijiet ta' l-iżbank għandha ssir il-proċedura tal-konkors, u mhux il-proċedura biċ-ċitazzjoni. Iż-żewġ proċeduri ma humiex ekwipollenti, u ma humiex fakoltativi; għaldaqstant l-azzjoni kif proposta, per mezz ta' ċitazzjoni, ġiet proposta ħażin għax irritwali;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu akkolti d-domandi tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet kombi-

nati ta' l-artikolu 417 (1) u 419 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili irriteniet li l-azzjoni ġiet proposta ħażin, billi messha ġiet miġjuba 'l quddiem per mezz ta' libell u mhux ta' ċitazzjoni, u għalhekk illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmija jirriferixxu ruħhom għall-konkorsi fuq flus li jkunu jinsabu depożitati l-Qorti, u ma jistgħux ikollhom applikazzjoni f'każi ta' depożiti band'oħra, bħal ma huwa preċiżament il-każ taħt eżami, kif jidher mill-istess att taċ-ċitazzjoni;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-28 ta' Ġunju 1948, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni fil-meritu. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu *mill-konvenuta Mattocks, u dawk ta' din l-istanza miż-żewġ* konvenuti Mattocks u Camilleri;

Tordna li għaż-żewġ digrieti tad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti ma għandux jiġi taxxat dritt, la għad-difensuri u lanqas għar-reġistru.